FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 15 ta' April , 2002

**Avviz Nru:315/02 PM**

**Alf Mizzi & Sons Limited**

**Vs**

**Martin Mifsud**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u sittin Lira Maltin (Lm560,00) raprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibghuta u debitament ikkonsenjata lilu;

Bl-imghaxihjiet mid-data tal-konsenja u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 5 ta' Ottubru, 2001

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**